**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta’ Lulju 2023**

Rikors Numru: 263/23 AL

A B C

vs

C-D (CD) E F

(M.R. Numru 1849/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fl-ewwel (1) taOttubru tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) f'St Aloysius Collage Church Birkirkara, u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi minn dan iz-zwieg, fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) twieldet G E F, li llum ghandha l-eta ta' sitta u ghoxrin (26) sena;

3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimat ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimat resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

4. Illi r-rikorrenti u l-intimat ilhom separati legalment ghal iktar minn hames snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l- ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala Dok B, ir-rikorrenti u l-intimat itterminaw l-obbligi tal-koabitazzjoni u tal-assistenza ezistenti bejniethom, irrinunzjaw għal kull dritt tasuccessjoni fil-konfront ta’ xulxin, inkluz il-porzjoni riservata fejn regghu akkwistaw id-dritt illi jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali minghajr il-htiega tal-awtorizzazzjoni, intervent jew kunsens tal-parti l-ohra jew tal-Qorti kompetenti;

6. Illi skond il-kuntratt surreferit, ir-rikorrenti u l-intimat iddekadew mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan minhabba ragunijiet validi u ammissibbli fil-ligi;

7. Illi r-rikorrenti u l-intimat itterminaw u giet xolta wkoll il-Komunjoni tal- Akkwisti b'effett immedjat mid-data tal-kuntratt surriferit u li għalhekk minn dakinhar qieghed japplika bejniethom ir-regim tas-Separazzjoni tal-Beni u b'hekk kwalsiasi akkwisti jew qliegh li jsiru minnhom huma proprjeta' shiha u esklussiva ta' dik il-parti li tagħmilhom filwaqt illi kwalsiasi debiti jew obbligazzjonijiet li jistghu talvolta jigu kuntrattati mill-partijiet ikunu a karigu esklussiv ta' dik il-parti li tkun ikkuntrattathom;

8. Illi bejn ir-rikorrenti u l-intimat ma hemm ebda pendenzi u/jew pretenzjonijiet a favur xulxin;

9. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal- ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civli, Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat.

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti joghgobha tordna.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha espona Illi: -

1. Illi l-esponenti jiddikjara n-nuqqas ta’ oppozizzjoni tiegħu għat-talba tar-rikorrenti A B C hekk kif kontemplata fir-rikors promotur datat it-8 ta’ Mejju 2023, b’dana illi l-esponenti m’għandux ibati l-ispejjez tal-proċedura odjerna;
2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri ammissibbli skont il-liġi;

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta’ Mejju 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Ottubru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.